MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Numru 319/2004

Il-Pulizija
(Sp Ian Joseph Abdilla)
vs
Charles Cassar, iben Carmel,
imwieled l-Ingilterra fid-9 ta'
april, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli bejn is-27 ta' novembru, 2003 u it-18 ta' frar, 2004 f'dawn il-Gżejjer ifflasifika xi att li jkun hemm fih ordni jew deċizjoni tal-Gvern ta' Malta jew iffalsifika deċizjoni, digriet jew ordni ta' xi qorti, imħallef, maġistrat jew uffiċjal pubbliku li bihom tiġi ordnata jew mitmuma obbligazzjoni inkella mogħti jew miċħud xi jedd lil xi ħadd, inkella li bihom xi persuna tiġi meħlusa jew ikkundannata fuq akkuża kriminali, u cioe' kuntratt ta' separazzjoni magħmul

min-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Debono fis-27 ta' novembru, 2003;
2. talli fl-istess perjodu, xjentement għamel użu minn dawn l-imsemmija atti, deċizjonijiet, digrieti jew ordnijiet ifflasifikati;
3. talli fl-istess perjodu, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank provat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' kuntratt ta' separazzjoni magħmul min-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Debono fis-27 ta' novembru, 2003;
4. talli fl-istess perjodu, xjentement għamel użu minn dan l-imsemmi att, kitba jew skrittura falza;
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat u martu, Sylvia Cassar, huma separati b'kuntratt tas-27 ta' novembru, 2003.

Illi fit-18 ta' frar, 2004 il-pulizija ġiet infurmata minn Sylvia Cassar li hi kienet irċeviet kopja tal-kuntratt ta'

separazzjoni li minnha kien jirrizulta li ċerti klawsoli li kienu favur tagħha ġew varjati jew imħollija barra.

Illi l-pulzija bagħet għall-imputat li min-naħa tiegħu ċaħad li hu kien bagħat tali kopja lil martu. Il-pulizija għamlet tfittxija fir-residenza ta' l-imputat u minn hemm elevat kopja tal-kuntratt oriġinali li minnha allegatament saret il-fotokopja manipolata.

Illi n-Nutar Dr. Joseph Debono xehed fl-atti ta' din il-kawża u kkonferma li l-kuntratt oriġinali fl-arkivju tiegħu ma ġiex minsus u għalhekk l-oriġinal ta' dan il-kuntratt għadu fl-istat oriġinali meta hu rrediġih.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li l-imputat seta' għamel din il-fotokpja. Għandu jingħad li anki jekk kien l-imputat li bagħat il-kuntratt manomess lil martu dan ma jammontax għal reat kriminali għaliex il-kuntratt oriġinali qatt ma ġie minsus. Minbarra dan, b'din il-manomissjoni ħadd ma ħa xi vantaġġ u ma gie uzat ghal ebda skop.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------